A.L. 252 ta' l-2003

ATTA DWAR AWTORITÀ DWAR IT-TRASPORT TA' MALTA (KAP. 332)

ORDINANZA DWAR IR-REGOLAMENT TAT-TRAFFIKU (KAP. 65)

Regolamenti ta' l-2003 dwar l-Użu ta' Ċintorini tas-Sigurtà fil-Vetturi bil-Mutur

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikolu 27 ta' l-Att dwar Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta u bl-artikolu 54 ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, il-Ministru għat-Trasport u Komunikazzjoni, wara konsultazzjoni ma' l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:

Taqsima I

PRELIMINARI

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2003 dwar l-Użu ta' Ċintorini tas-Sigurtà fil-Vetturi bil-Mutur.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ kif ġej:

(a) ir-regolamenti 1 sa 4 u 13 sa 17 mal-pubblikazzjoni ta' dawn ir-regolamenti;

(b) ir-regolamenti 7 sa 12 fl-1 ta' Jannar 2004; u

(ċ) ir-regolamenti 5 u 6 fl-1 ta' Ġunju 2004.

Interpretazzjoni.

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba l-kuntest ma jeħtieġx mod ieħor:-

"awtorità medika kompetenti" tfisser tabib mediku jew grupp ta' tobba mediċi;

"ċertifikazzjoni ta' eżenzjoni medika" tfisser ċertifikat magħmul fl-għamla indikata fit-Tieni Skeda li tinsab ma' dawn ir-Regolamenti u maħruġ mill-awtorità medika kompetenti, li jiċċertifika li mhux xieraq li, għal raġunijiet mediċi, persuna tilbes iċ-ċintorin tas-sigurtà;

"child safety lock" tfisser sokra li tista' titħaddem biss minn persuna adulta u li ma tistax tkun imbagħbsa jew imħaddma mit-tfal;

"Chairman" tfisser iċ-*Chairman* ta' l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta;

"ċintorin tas-sigurtà" tfisser taħlita ta' ċineg b'bokkla tas-sigurtà, tagħmir u aċċessorji ta' aġġustament li jistgħu jankraw f'vettura li taħdem b'mutur, maħsuba li jnaqqsu r-riskju ta' korriment lill-persuna li tilbes iċ-ċintorin;

"karrozza tal-passiġġieri" tfisser vettura maħsuba għall-ġarr ta' passiġġieri u li għandha sa tmien sedili eskluż is-sedil tax-xufier;

"persuna adulta" tfisser persuna li tkun għalqet it-tnax-il sena;

"piż gross tal-vettura" jew "p.g.v" tfisser il-piż fuq it-triq speċifikat mill-fabbrikant bħala l-kapaċità ta' piż massimu maħsuba għall-vettura, u dan il-piż jikkonsisti fil-piż kombinat tal-vettura, it-tagħbija massima speċifikata, ix-xufier u t-tank mimli karburanti;

"sedil" tfisser sistema li tista' tkun jew li tista' ma tkunx parti integrali mill-istruttura tal-vettura kompluta bit-tapezzerija u li hi intenzjonata biex fuqha tpoġġi bilqiegħda persuna adulta waħda. Din il-kelma tkopri kemm sedil individwali kemm parti minn bank maħsuba biex fuqha tpoġġi bilqiegħda persuna waħda;

"sedil ta' quddiem" fir-rigward ta' vettura tfisser sedil li hu għal kollox jew parti minnu fil-parti ta' quddiem tal-vettura;

"sedil ta' wara" fir-rigward ta' vettura, tfisser kull sedil li m'hux sedil ta' quddiem;

"sistema ta' rbit għat-tfal" tfisser sistema li tkopri sedil, imwaħħla ma' l-istruttura tal-vettura b'modi xierqa li għandha mill-anqas katina waħda ta' rabta lokalizzata fuq l-istruttura tas-sedil li turi l-marka "E" tan-Nazzjonijiet Magħquda jew BS "kitemark";

"tarbija" tfisser persuna li għandha anqas minn tliet snin;

"tfal" tfisser persuni taħt it-tnax-il sena u li jkunu twal anqas minn 150 ċentimetru;

"vettura għall-ġarr ta' merkanzija ħafifa " tfisser vettura għall-ġarr ta' merkanzija li għandha piż gross massimu maħsub għall-vettura ta' mhux aktar minn 3.5 tunnellati p.g.v.;

"triq pubblika" tfisser toroq nazzjonali arterjali, distributorji, ta' aċċess u ta' aċċess lokali;

"vettura" tfisser vettura li taħdem b'mutur maħsuba għall-użu fi triq pubblika, li għandha mill-anqas erba' roti u li tista' tinstaq b'veloċità ta' aktar minn 25 kilometru fis-siegħa;

"vettura M2" tfisser vettura maħsuba għall-ġarr ta' passiġġieri u li għandha aktar minn tmien sedili minbarra s-sedil tax-xufier, li għandha piż gross massimu maħsub għall-vettura ta' mhux aktar minn 3.5 tunnellati p.g.v, u li m'hix mibnija jew adatta għall-ġarr ta' passiġġieri bilwieqfa;

"xufier" tfisser persuna li ssuq vettura bil-mutur fi triq pubblika.

Taqsima II

L-ILBIES TAĊ-ĊINTORINI TAS-SIGURTÀ MINN PERSUNI ADULTI

L-ilbies taċ-ċintorini tas-sigurtà mix-xufiera.

3. Kull xufier fi triq pubblika għandu jilbes ċintorin tas-sigurtà meta jkun qed juża xi waħda minn dawn il-kategoriji ta' vetturi li ġejjin:

(a) karrozzi tal-passiġġieri;

(b) vetturi M2 ; u

(ċ) vetturi li jġorru merkanzija ħafifa;

Sakemm iżda s-sedili okkupati huma attrezzati b'dan it-tagħmir.

L-ilbies taċ-ċintorini tas-sigurtà fis-sedil ta' quddiem minn passiġġieri adulti.

4. Kull persuna adulta, li tkun qed tivvjaġġa fit-triq bħala passiġġier fis-sedil ta' quddiem, għandha tilbes iċ-ċintorin tas-sigurtà waqt li tkun qed tuża xi waħda mill-kategoriji ta' vetturi li ġejjin, sakemm iżda s-sedili okkupati huma attrezzati b'dan it-tagħmir:

(a) karrozzi tal-passiġġieri;

(b) vetturi M2; u

(ċ) vetturi li jġorru merkanzija ħafifa.

L-ilbies taċ-ċintorini tas-sigurtà fis-sedil ta' wara minn passiġġieri adulti.

5. Kull persuna adulta, li tkun qed tivvjaġġa fit-triq bħala passiġġier fis-sedil ta' wara, għandha tilbes iċ-ċintorin tas-sigurtà meta tkun qed tuża karrozza tal-passiġġieri, sakemm is-sedili okkupati jkunu attrezzati b'dan it-tagħmir.

Priorità fl-użu tas-sedil.

6. Kull persuna adulta, li tkun qed tivvjaġġa bħala passiġġier fis-sedil ta' wara, għandha fl-ewwel lok toqgħod bilqiegħda fuq is-sedil attrezzat biċ-ċintorini tas-sigurtà u f'każ li dawn huma diġà hekk okkupati toqgħod fuq sedili oħra.

Taqsima II

L-ILBIES TA' ĊINTORINI TAS-SIGURTÀ U L-UŻU TAS-SISTEMA TA' RBIT GĦAT-TFAL

L-irbit tat-trabi fis-sedil ta' quddiem.

7. (1) Tarbija li tkun qed tivvjaġġa fis-sedil ta' quddiem ta' kull vettura għandha tinġarr dejjem f'sistema ta' rbit għat-tfal li hi adatta għall-piż tat-tarbija kif jidher fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

(2) Tarbija ma għandha qatt tintrabat b'ċintorin tas-sigurtà użat minn persuni adulti.

(3) Sistema ta' rbit għat-tfal faċċata tas-sedil ta' wara ma għandhiex titwaħħal mas-sedil ta' quddiem imħares minn borża ta' l-arja sakemm dik il-borża ta' l-arja ma tkunx ġiet deattivata.

Irbit ta' tfal.

8. (1) Tfal li jkunu qegħdin jivvjaġġaw sew bħala passiġġieri f'sedil ta' quddiem kif ukoll f'sedil ta' wara tal-karrozza għandhom jintrabtu permezz ta' sistema ta' rbit għat-tfal li hi adatta għall-piż tat-tfal kif muri fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti, meta jkunu qegħdin jużaw karrozza tal-passiġġieri.

(2) Tfal li jkunu qegħdin jivvjaġġaw bħala passiġġieri fis-sedil ta' quddiem għandhom jintrabtu permezz ta' sistema ta' rbit għat-tfal adatta għall-piż tat-tfal kif muri fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti, meta jkunu qegħdin jużaw waħda mill-kategoriji ta' vetturi li ġejjin :

(i) vetturi M2, u

(ii) vetturi għall-ġarr ta' merkanzija ħafifa.

9. It-tfal għandhom fl-ewwel lok joqogħdu bilqiegħda f'sedil attrezzat b'sistema ta' rbit għat-tfal adatta għall-piż tat-tfal kif muri fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti, u jkun f'każ biss li dak is-sedil hu diġà okkupat li t-tfal għandhomu joqogħdu bilqiegħda f'sedili oħra li ma jkunux attrezzati b'sistemi ta' rbit għat-tfal. Priorità fl-użu tas-sedil mit-tfal.

10. Jekk fil-vettura ma jkunx hemm imwaħħla sistema ta' rbit għat-tfal, it-tfal għandhom jilbsu ċintorin tas-sigurtà, jekk ikun hemm, f'kull ħin, iżda ma għandu jintlibes ebda ċintorin tas-sigurtà lil xi tarbija. L-użu ta' ċintorini tas-sigurtà mit-tfal.

11. Iċ-*Chairman* jista', permezz ta' avviż fil-Gazzetta, jispeċifika s-sena tal-manifattura ta' dawk il-vetturi bil-mutur li għandhom ikunu mgħammra b'ċintorini tas-sigurtà. Twaħħil ta' ċintorini tas-sigurtà fil-vetturi bil-mutur.

12. Jekk il-vettura ma tkunx ġiet attrezzata b'ċintorin għas-sigurtà tal-passiġġier li miegħu jista' jitwaħħal apparat ta' rbit għat-tfal, persuna ma tkunx tista' ssuq vettura bil-mutur fi triq pubblika bi tfal żgħar fil-parti ta' wara tal-vettura kemm-il darba dawk it-tfal ma jkunux bilqiegħda ħdejn persuna adulta, jew kemm-il darba l-bibien ta' wara tal-vettura ma jkunux mgħammra u maqfula *b'child safety lock*. *Child-safety lock*.

13. L-ebda persuna ma għandha tneħħi ċintorin tas-sigurtà minn vettura li tkun ġiet manifatturata b'dan it-tagħmir imwaħħal fiha bħala oġġett *standard*. Projbizzjoni tat-tneħħija ta' ċintorini tas-sigurtà.

Taqsima IV

EŻENZJONIJIET

14. Il-provvedimenti ta' dawn ir-regolamenti ma għandhomx japplikaw għal persuna li tkun: Eżenzjonijiet.

(a) qed tuża vettura bil-mutur kostruwita jew adattata għall-konsenja jew ġbir ta' oġġetti meta tkun qed tagħmel ir-ronda għall-konsenja jew ġbir ta' oġġetti; jew

(b) qed tirriversja jew timmanuvra l-vettura għal distanza qasira fi spazju limitat; jew

(ċ) xufier kwalifikat li jkun qed jissorvelja lid-detentur ta' liċenzja provviżorja għal min ikun qed jitgħallem isuq meta dak id-detentur ikun qed jagħmel xi manuvra minn dawk imsemmija fil-paragrafu (b) hawn qabel; jew

(d) tkun fil-pussess ta' ċertifikat ta' eżenzjoni fuq bażi medika kif provdut fit-Tieni Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti; jew

(e) membru tal-Korp tal-Pulizija jew tas-Servizz tal-Ħabs waqt li tkun qed tipproteġi jew teskorta persuni; jew

(f) fis-servizz ta' skwadra tat-tifi tan-nar u tkun liebsa lbies jew iġġorr tagħmir li għandu x'jaqsam ma' dan; jew

(ġ) uffiċjal jew assistent mediku waqt li jkun qed jieħu ħsieb pazjenti li jkunu qed jivvjaġġaw f'ambulanza; jew

(ħ) qed tagħmel test ta' kompetenza fis-sewqan; jew

(i) ix-xufier ta' *taxi-car* waqt li jkun qed ifittex kirja jew sejjer lejn fejn tkun se tibda l-kirja, jew li jkun qed jittrasporta xi passiġġier waqt il-kirja, skond il-każ.

Responsabbiltà kriminali.

15. Kulmeta jitwettaq reat bi ksur tal-provvedimenti ta' dawn ir-regolamenti, ir-responsabbiltà kriminali għandha taqa' kif ġej:

(a) għar-rigward tar-regolamenti 3, 7, 8, 9 u 10, ir-responsabbiltà kriminali għandha tvesti fix-xufier tal-vettura;

(b) għar-rigward tar-regolamenti 4, 5 u 6, ir-responsabbiltà kriminali għandha tkun tal-passiġġier fil-vettura li ma jkunx liebes iċ-ċintorin tas-sigurtà mwaħħal fil-vettura fil-ħin li jitwettaq ir-reat jekk dak il-passiġġier ikollu aktar minn 16-il sena;

(ċ) għar-rigward tar-regolamenti 4, 5 u 6, fejn ma jkun preżenti fil-vettura l-ebda passiġġier kif imfisser f'paragrafu (b) hawn qabel, ir-responsabbiltà kriminali għandha tkun tax-xufier;

(d) għar-rigward tar-regolament 12 ir-responsabbiltà kriminali għandha tkun ta' l-utent reġistrat jew tas-sid tal-vettura, kemm-il darba dak is-sid ma jġibx prova qabel jew matul il-proċedimenti li dik il-vettura tkun intużat fi triq pubblika, fil-ħin li jkun sar ir-reat, minħajr il-permess jew l-awtorità tiegħu;

(e) għar-rigward tar-regolament 13, ir-responsabbiltà kriminali għandha tkun tal-persuna li tkun ordnat it-tneħħija taċ-ċintorin tas-sigurtà.

Reati u pieni.

16. Persuna li tinsab ħatja ta' xi reat imsemmi f'dawn ir-regolamenti għandha, meta tinsab ħatja, teħel ammenda ta' mhux anqas minn għaxar liri u mhux iżjed minn ħamsa u għoxrin lira.

Thassair l-A.L. 129 ta' l-1995.

17. Ir-Regolamenti ta' l-1995 dwar l-Użu ta' *Seat Belts* fuq Vetturi bil-Muturi huma b'dawn imħassra.

L-EWWEL SKEDA

(Regolamenti 7, 8 and 9)

AVVIŻ TA' TAGĦRIF DWAR L-UŻU TA' SISTEMI TA' RBIT GĦAT-TFAL

TIP TA' RBIT GĦAT-TFAL	SKALA TA' PIŻIJIET	SKALA TA' ETÀ (APPROSSIMATTIV)
SEDIL GĦAT-TRABI	SA 10 KGS	MIT-TWELID SA 9 XHUR
SEDIL GĦAT-TFAL	9 KGS TO 18 KGS	6 XHUR SA 4 SNIN
BOOSTER SEAT	9 KGS TO 25 KGS	6 XHUR SA 6 SNIN
BOOSTER CUSHION	15 KGS TO 36 KGS	4 SNIN SA 11-IL SENA

IT-TIENI SKEDA

MUDELL TAĊ-ĊERTIFIKAT MEDIKU

(Regolament 14(d))



Ċertifikat ta' eżenzjoni fuq bażi medika

AWTORITÀ DWAR
IT-TRASPORT TA' MALTA

B'dan hu ċertifikat li .....

ta' residenza ..... Nru tal-Karta ta' Identità .....

Persuna hi eżenti milli tilbes ċintorin tas-sigurtà f'kull vettura għal perijodu ta' sena/ħames snin* fuq bażi medika mid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat.

DETTALJI TA' L-AWTORITÀ MEDIKA KOMPETENTI

Dott. ..... (uża ittri kapitali) Nru tal-Karta ta' Identità .....

..... (firma) Data .....

* aqta' fejn meħtieġ